# *FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR*

# *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### *GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA, LL.D.*

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Lulju, 2002

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1334/02 EG**

**Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Anthony Callus u Michelina Callus**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur proprio et nomine s-somma ta' hames mija u erbgha u sittin lira Maltin erbgha u tletin centezmu (Lm564.34c) rappresentanti il-hlas ta' seba kambjali ta' tmenin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm80.62c) kull wiehed li mmaturaw fis-16 ta' kull xahar bejn Novembru 2001 u Mejju 2002, bl-imghaxijiet mid-data tal-maturita' sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma deherux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigwad.

Sema' x-xhieda ta' John Sultana, ghan-nom tal-attur proprio et nomine li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur proprio et nomine s-somma ta' hames miija u erbgha u sittin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm 364.34c) bl-imghaxijiet mid-data tal-maturita' tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi l-Mandat ta' Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**